53

ROBERT MUSUMECI
avukat - perit

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
23 FEB 2023
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI TA' L-AMBJENT U L-IPPJANAR

**Rif Ta' l- Awtorita: PA/05171/21**
**(Deskrizzjoni tal- Proposta:** ***Proposed installation of LED billboard as approved in permit.*****)**
**(Sit: Footbridge, Paola-Marsa Junction, Qasam Industrijali Tal-Marsa, Marsa)**
**(*Rif Taghna*:** RM030/23**)**
**(*Rif Tribunal*:** N/A**)**



**Smartpix Limited – Attn: Mr Adrian Fabri**

*-vs-*

**L-Awtorita' tal-Ippjanar**

**Rikors tal-appellant**
**Data: 13.02.2023**

---

1. L-applikazzjoni fuq imsemmija kienet rifjutata mill-Kummissjoni ta' l-Ippjanar u permezz tal-prezenti att, il-mittenti appellant qed formalment jinterponi appell kontra l-istess decizjoni;

2. Illi flimkien ma' dan ir-rikors qed jigu inkluzi s-segwenti dokumenti:



- **Dokument RM1:** Kopja tal-formola ta' l-applikazzjoni
- **Dokument RM2:** *Site plan* relattiva
- **Dokument RM3**: Pjanti sottomessi ghall-approvazzjoni tal- Kummissjoni
- **Dokument RM4:** Kopja tad-decizjoni tal-Kummissjoni
- **Dokument RM5:** L-ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell
- **Dokument RM6:** Pjanti tal-permess **PA2309/14**

## 3 FATTI

3.1 L-applikazzjoni odjerna tikkonsisti fis-segwenti: *'Proposed installation of LED billboard as approved in permit'* mal-genb tal-*footbridge* li jinsab fil-*Paola-Marsa Junction* gol-Qasam Industrijali tal-Marsa;

3.2 Illi din l-applikazzjoni hija effettivament rijaffermazzjoni ta' dak li llum huwa diga' appovat *in forza* tal-**PA2309/14**[1] sa fejn jikkoncerna t-twahhil ta' *advertising LED display* appuntu fl-istess sit in mertu (ara pjanta a *fol* 111c tal-**PA2309/14**, kopja ta' liema tinsab f' **Dokument RM6** fl-anness);

3.3 Illi ghandu jkun legalment pacifiku li din l-applikazzjoni kellha tkun ezercizzju merament akkademiku ghaliex dak li qed jintalab diga' huwa permess;

3.4 Illi madankollu, l-applikazzjoni kienet rifjutata ghas-segwenti ragunijiet:

3.4.1 **L-EWWEL RAGUNI GHAR- RIFJUT:** ***"The proposed billboard is being objected to by Transport Malta, and therefore runs counter to Article 72 (2f) of the Development Planning Act (Chapt 552), which requires that the Planning Board shall have regard to recommendations made by consultees."***

[1] **PA2309/14:** *Upgrading of ten-t junction including the shifting of existing carriageway, demolition of buildings and upgrading of existing road infrastructure together with the provision of car parking, street furniture and landscaping. the project has an extent of 87,000sq.m with an affected area of 25,000sq.m* liema permess gie utilizzat *permezz ta' commencement notice bid-data tal*-15/11/18. Dan il-permess jiskadi fil-15 ta' Frar 2025.

## 4 AGGRAVJI

Premess is-suespost, l-appellant qed jirribatti ir-ragunijiet ghar-rifjut bil-mod kif gej:

**4.1 L-EWWEL RAGUNI GHAR- RIFJUT: *"The proposed billboard is being objected to by Transport Malta, and therefore runs counter to Article 72 (2f) of the Development Planning Act (Chapt 552), which requires that the Planning Board shall have regard to recommendations made by consultees."***

4.1.1 Illi din ir-raguni ghar-rifjut hija mimlija b'hafna perplessitajiet li jhallu lil dak li jkun fi stat ta' kunflitt. Ibda biex, il-promotur wara **PA2309/14** kienet, ohrog l-ghageb, *Transport Malta* li llum libset il-kappell ta' konsulent estern u, ghal ragunijiet mhux spjegabbli, qieghda toggezzjona ghal dak li hi stess, ftit snin ilu, talbet li tiskeb ghaliha! Fi kwalunkwe kaz, l-Awtorita' m'hix tenuta toqghod ma' dak li jghid xi konsulent estern, f'dal-kaz inzertat *Transport Malta*, diment li jekk ser tinghata decizjoni kontra l-imsemmi parir, din trid tkun maghmula b'mod li hu dettaljat, studjat u bazat fuq konsiderazzjonijiet materjali li jisbqu dak li l-konsulent estern ikun ta parir li jsir jew ma jsirx (ara sentenza fl-ismijiet **Frank Zammit vs L-Awtorita tal-Ippjanar (gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u l-kjamat in kawza Elton John Caruana** moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Frar 2021 (**AP17/20**)). F'dan il-kaz, m'hemmx wisq fejn wiehed jitfixkel - il-principju kwantu ghal jekk f'dan is-sit tistax titwahhal *'LED billboard as*

*approved in permit PA2309/14'* m'huwiex disputabbli ghaliex dak il-principju gie kristallizzat bil-permess **PA2309/14** li ghadu validu. L-unika *issue* li jista' qatt ikun hemm tirrigwardja l-qies tal-*billboard* propost peress li dan ivarja mill-qies muri fil-pjanti tal-permess **PA2309/14.** *Detto questo*, din hi kwistjoni facilment rizolvibbli ghaliex l-appellant huwa lest li jottempora ruhu mal-pjanti kif effettivament kienu approvati bl-imsemmi permess **PA2309/14.**

## 5 TALBA

Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-appellant filwaqt li jaghmel referenza ghall-atti tal-kaz u provi ohra producibbli f'dan l-istadju, jitlob umilment lil dan it- Tribunal sabiex jordna l- hrug tal-permess relattiv prevja kwalsiasi provvediment iehor li jkun opportun fic-cirkostanzi.

L-appellant qieghed ukoll minn issa jirriserva d-dritt li jitlob li jsir access fuq is-sit in kwistjoni f'kaz li jinqala' l-htiega. Huwa *in oltre* jitlob li jigu prodotti x-xhieda elenkati f' dan ir-rikors filwaqt li jirriserva d-dritt tieghu li jtella' aktar xhieda sabiex jelaboraw fuq dak sollevat minnu, u dan bil-ghan li l-esponenti jkun f'pozizzjoni ahjar sabiex jissoda s-sisien tieghu ghas-sodisfazzjon ta' dan it-Tribunal.

**Dr Robert Musumeci**
LL.B., LL.D., B.E.&A.(Hons.), M.Sc.(Cons.Tech.), Ph.D. *in* Development Planning Law, Perit

## 6 LISTA TA' DOKUMENTI

- **Dokument RM1:** Kopja tal-formola ta' l-applikazzjoni
- **Dokument RM2:** *Site plan* relattiva
- **Dokument RM3**: Pjanti sottomessi ghall-approvazzjoni tal- Kummissjoni
- **Dokument RM4:** Kopja tad-decizjoni tal-Kummissjoni
- **Dokument RM5:** L-ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell
- **Dokument RM6:** Pjanti tal-permess **PA2309/14**

## 7. LISTA TA' XHIEDA

- Kull parti ohra ghall-konferma tal-fatti;
- Ix-xhieda indikati mill-partijiet f'dan l-appell, sabiex jixhdu bhala xhieda tal-esponenti in ezami jew in kontroazami, sabiex jikkonfermaw il-fatti tal-kaz;
- Rapprezentanti prezenti u passati tal-Awtorita' tal-Ippjanar, sabiex jikkonfermaw il-fatti tal-kaz;
- Ufficjali minn entitajiet ohra li ghamlu sottomissjonijiet fuq il-kaz ghall-konferma tal-fatti;
- Persuni teknici li jistghu jitfghu dawl fuq *issues* specifici ghall-konferma tal-fatti;
- Xhieda ohra ghall-konferma tal-fatti minn issa riservati u li l-esponenti mhux edott bihom f'dan l-istadju;
- Rapprezentant ta' *Transport Malta* biex jixhed dwar il-fatti li jaf bihom hu;
- Il-perit tal-applikazzjoni biex jikkonferma l-fatti li jaf bihom hu.